MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 246/2012

**A B**
**vs**
**C D; E F B;**
**G B u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**
Rat ir-rikors gurmanetat, tal-attur A Bipprezentat fil-25 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. Illi mic-Certifikat tat-Twelid jirrizulta li l-konvenuti E B u G B huma l-genituri ta' l-attur A B u dan stante li kienet saret d-dikjarazzjoni fiz-zwieg meta l-konvenuti E u G B nghaqdu fis-sagrament taz-zwieg;

2. Illi sussegwentement permezz ta' dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuti E F B u G B fl-Att taz-Zwieg

taghhom, il-konvenut G B rrikonoxxa bhala ibnu lil A B u dan skont l-Artikolu 87 (1)1 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-attur hu a' konoxxenza tal-fatt li l-missier naturali tieghu hu l-konvenut C D u mhux G B kif gie registrat kemm fl-Att tat-Twelid u fic-Certifikat taz-Zwieg ta' bejn ommu E B u G B;

4. Illi sahanstira xhieda ta' dan huwa affidavit li l-konvenuti E F B u C D kienu ghamlu,;

5. Illi jirrizulta kjarament illi A B huwa l-wild biologiku tal-konvenut C D u mhux tal-konvenut G B u dan kif jirrizulta mit-testijiet tad-DNA ezebiti;

6. Illi cioe nonostante fl-Att tat-Twelid jidher registrat taht 'G B';

7. Illi l-attur permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika 'G B' u tigi mibdula biex tindika lill-konvenut C D bhala l-missier biologiku ta' A B.

Talab lil din il-Qorti:

i. Tiddikjara illi l-konvenut C D huwa l-missier biologiku ta' A B u l-wild ta' E F B;

ii. Tordna lill-konvenut u cioe lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi A B li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 3590/1992 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex fil-parti fejn tindika 'G B' tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem ta' C D, kif ukoll jigu nkluzi l-konnotati tal-konvenut C D fuq l-imsemmi Att fil-parti fejn taqra: 'Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija, 'Professjoni, sengha jew stat iehor', 'eta', 'fejn twieled', fejn joqghod', u 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur u l-elenku tad-dokumenti prezentati inkluz il-Paternity Test Report (DNA);

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, huwa opportun li r-rikorrenti jispecifika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed isejjes l-azzjoni tieghu halli b'hekk l-esponeneti jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb ghal din il-kawza;

2. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konGement juru li l-pussess ta' stat tieghu ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru tar-registrazzjoni 3590 tas-sena 1992;

3. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponent jinvita lil konvenut C D sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-eta' tieghu meta twieled A, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled A, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled A. Tali informazzjoni hija mehtiega biex eventwalment jigu inseriti fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi A bin-numru ta' registrazzjoni 3590 tas-sena 1992;

4. Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li tigi mnehhija l-annotazzjoni li hemm fuq ic-certifikat tat-twelid ta' Christain, liema annotazzjoni hija datata 27 ta' Dicembru 1999;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attur ghandu jiddeciedi b'mod definittiv liema kunjom ghandhu jassumi a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda tad-Direttur;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar 2013 fejn id-Direttur irtira t-tieni eccezzjoni fir-risposta guramentata tieghu.

Rat ir-rapport ta' espert tekniku fuq id-DNA Dr Renald Blundell;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li hu, l-attur, li twieled fil-10 ta' Lulju 1992 u li fl-Att tat-Twelid tieghu bin-numru 3590/1992 gie registrat bhala wild il-konvenut G B huwa fil-fatt iben il-konvenut C D.

**Provi**
Mill-Att ta’ Twelid numru 3590/1992 jirrizulta illi l-attur A twieled fl-10 ta’ Lulju 1992 lill-konvenuta E F dak iz-zmien Buhagiar u minn missier mhux maghruf. Fit-18 ta’ Dicembru 1999[1], il-konvenuta E F u l-konvenut G B izzewgu u ghamlu dikjarazzjoni fir-Registru Pubbliku illi l-

[1] Folio 7 - Certifikat taz-zwieg ta' E F B u G B

attur A kien binhom. B’hekk A gie legittimizat ‘per subsequens matrimonium’.

E F B u C D[2] fl-affidavit taghhom iddikjaraw li frott ta' relazzjoni ta’ bejniethom kien twieled, fil-10 ta' Lulju 1992, tifel bl-isem A kif jidher fic-Certifikat tat-Twelid bin-numru progressiv 3590/1992. Jirrizulta pero li f'dan ic-Certifikat, il-missier tnizzel bhala 'missier hux maghruf'.

Ir-Rapport guramentat mahrug mill-espert tekniku Dr Renald Blundell datat 7 ta' Frar 2014, 'Legal Paternity Test Certificate' iccertifika li probabilita' li l- konvenut C D huwa missier naturali tal-attur A B hita' 99.9999%.

**Konsiderazzjonijiet**.
Il-kawza odjerna giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikoli 99 u 84 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

Artikolu 99:- *L-att li bih jigi maghruf tifel immnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*

Artikolu 84:- *M'hemmx preskrizzjoni ghall-azzjoni **ghal tifel biex jistabilixxi** l-filjazzjoni tieghu.*

Il-prova xjentifika tissodisfa dak rikjest bl-**Artikolu 100A tal-Kap. 16** li jipprovdi illi:-

*F’kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista’, mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

Fil-kaz odjern l-attur A fl-eta' ta' 19 il-sena qieghed jattakka id-dikjarazzjoni li saret permezz ta' l-Att taz-Zwieg tal-konvenuti G B u E F B li jgib in-numru 2265/199. B'din id-dikjarazzjoni il-konjugi B kienu rrikonoxuh bhala wild taghhom lill-attur li dak iz-zmien kellu seba’ snin,

[2] Folio 8

dikjarazzjoni li mill-provi imressqa matul din il-kawza tirrizulta bhala li ma tirriflettiex il-verita'.

Il-konvenuti E F B u C D iddikjaraw li A kien twieled frott tar-relazzjoni li kellhom.

Ir-rapport redatt minn Dr Blundell huwa l-ahjar prova li C D huwa l-missier naturali tal-attur.

Ghadaqstant din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi hi tal-fehma li gie adegwatament ippruvat illi l-attur huwa iben il-konvenut C D u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet tad-Direttur billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut C D huwa l-missier biologiku tal-attur A B u l-wild tal-konvenuta E F B;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi A B li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 3590/1992 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid skont ma deciz f'din is-sentenza sabiex fil-kolonna rigward il-missier jigu kancellati l-isem 'G B' u minflok jitnizzel l-isem 'C D' u l-konnotati kollha tieghu, tigi kancellata l-annotazzjoni li kienet saret fis-27 ta' Dicembru 1999, u jinizzel li l-attur A ikun maghruf bil-kunjom D.

3. Taghti lill-attur gimgha zmien millum sabiex b'nota guramentata li tigi prezentata f'dawn l-atti u notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jindika id-dettalji kollha mitluba fit-tielet paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti E F B u C D *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------